MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2006

Talba Numru. 1026/2005

**Maltacom p.l.c. - C22334**

**Vs**

**Rite Mix (Gatt Bros. Limited) C2821 u George Gatt I.D. 322841(M) u b'digriet tat-Tribunal tad-29 ta' Novembru, 2005 giet kjamata fil-kawza s-socjeta' Tal-General Company Limited**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u tlieta u disghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm193.62c) rapprezentanti hsarat ikkagunati lil proprjeta' ta' l-istess socjeta' mittenti ghall-hsarat fuq *telephone cable* fit-Triq Psaila, Birkirkara fit-23 t'April, 2001.

Ra li b'digriet tat-Tribunal tad-29 ta' Novembru, 2005 giet imsejha fil-kawza s-socjeta' Tal-General Company Limited.

Ra n-Nota ta' Ammissjoni pprezentata fis-7 ta' Marzu, 2006 li biha s-socjeta' kjamata fil-kawza Tal-General Company Limited ammettiet it-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz tat-talba.

Illi in vista tan-Nota ta' Ammissjoni pprezentata mis-socjeta' kjamata fil-kawza, s-socjeta' attrici pprezentat Nota ta' Cessjoni li biha cediet il-kawza fil-konfront tal-konvenuti Rite Mix (Gatt Bros. Limited) u George Gatt.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' kjamata fil-kawza Tal-General Company Limited thallas is-somma ta' mija u tlieta u disghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm193.62c), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' kjamata fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------